# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju  2001**

**Numru 46**
Citaz.  numru 234/87 DS

John Borg
vs
Joseph Pace u Francesco Pace bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Palo Limited

Illum, 22 ta' Gunju 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Marzu 1987 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi f'Ottubru tal-1986 kien xtara minghand is-socjeta' konvenuta' diversi partiti ta' qastan friska, b'kollox mija tlieta u erbghin xkora ghall-ammont

komplessiv ta' tmien mija u seba' liri u hamsa u disghin centezmu (Lm807.95) liema qastan kien intiz ghall-konsum tal-pubbliku;

U billi dan il-qastan ma kienx tal-kwalita' pattwita billi ma kienx tajjeb ghall-konsum tal-istess pubbliku;

U billi l-attur li huwa wholesaler biegh parti minn dan il-qastan lill-diversi xerrejja li pero' naqsu li jhallsuh tieghu billi l-qastan ma kienx tajjeb ghall-konsum tan-nies, u fil-fatt irritornawh lill-attur li ghalhekk dan sofra danni konsistenti fil-prezz tal-bejgh ta' Lm807.95 kif ukoll f'telf ta' profitti;

Illi fl-istess perjodu l-attur xtara ukoll minghand is-socjeta' konvenuta tlettax il-xkora hazelnuts bil-prezz ta' sitt mija u sitta u ghoxrin lira u sittin centezmu (Lm626.60) liema xkejjer suppost kellhom jikkontjenu hamsa u ghoxrin kilo kull wahda pero' kellhom biss ghoxrin kilo u b'hekk l-attur gie li sofra bhala danni s-somma ta' mija hamsa u ghoxrin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm125.32c) liema somma tirraprezenta l-valur tal-hamsa u sittin kilo hazelnuts nieqsa, oltre telf ta' profitti;

U billi ghal dawn id-danni huma responsabbli l-konvenuti nomine li ghalkemm interpellati jersqu ghall-likwidazzjoni ta' dawn id-danni, baqghu inadempjenti;

talab li din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw fit-trattazzjoni:

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur kif spjegat;

2. tillikwida l-istess danni u dana jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;
3. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lil-attur in linea ta' danni dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-28 ta' Jannar, 1981 u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 300/87 u dak prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti nomine minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez. L-esponenti jichdu bl-aktar mod assolut illi l-qastan ma kienx tal-kwalita' pattwita, kif qed jippretendi l-attur, u dan sejjer jigi konfermat jekk ikun il-kaz, mix-xerrejja kollha tal-istess qastan. Lanqas ma huwa minnu illi l-esponenti bieghu xkejjer tal-hazelnuts bin-nieqes u dan jixhdu ukoll xerrejja ohra tal-istess tip ta' hazelnuts, a skans ta' numru kbir ta' xhieda fattwali l-esponenti jissottomettu, merament in linea ta' dritt, illi l-azzjoni li se mai kienet tispetta lill-attur hija dik redibitorja u dan ukoll skond kif gie ritenut fil-kawza "Charles Portelli noe -vs- Avukat Dr. Spiridione Camilleri" deciza mill-Onorabblili Imhallef Tancred Gouder fit-28 ta' Marzu 1961 (Vol. XLV.iii. 779)
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-22 ta' Gunju 1987 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Anton Mifsud Bonnici bhala perit legali biex ifittex u jirrelata u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tal-11 ta' ta' Novembru 1987 fejn ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Joseph R. Micallef;

Rat id-digriet tad-9 ta' Marzu 1995 li permezz tieghu l-imsemmi Dr. Joseph R. Micallef gie ezonerat mill-inkarigu tieghu u gie sostitwit bl-Avukat Dottor Anthony Ellul bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fit-22 ta' Novembru 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-attur kien xtara minghand is-socjeta` konvenuta diversi partiti ta' qastan li huwa jsostni li sab li ma kienx tajjeb ghall-konsum, kif ukoll xtara numru ta' xkejjer ta' hazelnuts li ighid li sab li kienu neqsin mill-piz miftiehm. Huwa qieghed ghalhekk jitlob likwidazzjoni u hlas tad-danni li allegatament sofra u konsistenti fil-prezz tal-bejgh tal-qastan u telf ta' profitt fuqu, kif ukoll fil-prezz tal-hazelnuts nieqsa u telf ta' profitt relattiv. Is-socjeta` konvenuta, apparti li nnegat dak li qed ighid l-attur, sostniet ukoll fl-eccezzjonijiet taghha li l-azzjoni attrici mhijiex sostenibbli peress li semmai kellu jintavola azzjoni redibitorja u mhux l-azzjoni kif proposta.

Effettivament fir-relazzjoni tieghu l-perit legali beda billi ttratta din il-kwistjoni, u cioe` jekk l-azzjoni kif intavolata hijiex ammissibbli skond il-ligi, almenu in kwantu jirrigwarda l-partiti ta' qastan li, u dan mhuwiex kontestat, l-attur xtara minghand is-socjeta` konvenuta u li l-attur isostni li ma kinux tal-kwalita` pattwita.

L-attur xehed li meta akkwista l-qastan huwa beda jbiegh lil diversi persuni, fosthom lil certu Giljan Bonello li kien l-ewwel wiehed li lmenta mieghu li kien sabu mnawwar (seduta peritali tat-8 ta' Lulju 1988). Hlief ghal dak li kien ikkonsenja Ghawdex, huwa gabar lura l-ixkejjer li kien biegh. Dak li ma lehaqx biegh u halla fl-istore ddewwed u kellu jigi meqrud (seduta peritali tat-12 ta' Dicembru 1990). Giljan Bonello kkonferma li kien xtara numru ta' xkejjer qastan minghand l-attur u li meta n-nies bdew igibuhulu lura ghax hazin huwa lmenta ma' l-attur li ha kollox lura. Qal li l-mankament tal-qastan kien li kien immuffat minn gewwa u li biex tintebah bih ridt taqsam il-frotta.

M'hemm l-ebda dubju li n-negozju li sar bejn il-partijiet kien wiehed ta' xiri u bejgh u li almenu in kwantu jirrigwarda l-qastan it-talbiet huma bazati fuq il-premessa li l-qastan ma kienx tal-kwalita` pattwita. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju dwar l-applikabilita` ta' l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili (Kap 16) li jipprovdi hekk:

> *"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita` mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti."*

Kif tajjeb osserva l-perit legali, huwa risaput li l-kawzali tac-citazzjoni hija dik li hemm espressa fic-citazzjoni u ma tistax tinbidel. Jekk imbaghad il-Qorti tiddeciedi fuq kawzali diversa, id-decizjoni taghha tkun *extra petita*. Huwa rrefera f'dar-rigward ghas-sentenza fl-ismijiet **John Aquilina vs Giovanni Coleiro noe** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju 1949 (Vol. XXXIII.i.748). Ikkwota wkoll dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Giuseppe Debono vs Chev. Antonio Cassar Torreggiani** moghtija fil-5 ta' Dicembru 1952 fis-sens li *"il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda jew domandi; u s-sentenza ghandha tkun konformi ghad-domanda"* . Il-Qorti tirreferi wkoll ghal **Alice Amato noe vs Vivian B. De Gray noe et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Novembru 1958 Vol. XLII.i.587, **Profs. Joseph Galea noe vs Dr. Antonio Bonnici et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru 1961, Vol. XLV.i.336, u **John Grech vs Saviour Abela** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 1996.

Issa kif diga` gie osservat, fic-citazzjoni l-attur qieghed jitlob il-likwidazzjoni u hlas tad-danni li huwa allegatament sofra. M'ghamilx talba ghar-rexissjoni tal-bejgh, zamm il-merkanzija u parti minnha giet distrutta fuq talba tieghu stess minn ufficjali tad-Dipartiment tas-Sahha. Ghalhekk il-perit legali esprima l-fehma tieghu li l-azzjoni attrici kif impostata ma tistax tirnexxi u tigi kkunsidrata a bazi ta' l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili. Huwa in effetti rrefera ghas-sentenza fl-ismijiet **Nadia Cassar et vs Charles Pace noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta' Marzu 1995, u dan, issottometta l-perit legali, *"minghajr ma wiehed joqghod jidhol fil-kwistjoni jekk l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili ghandux japplika wara r-ricezzjoni tal-konsenja u dan kif sorrett minn diversi sentenzi (ara f'dan is-sens Vol. XVIII.iii.59; Vol.*

*XX.i.273; Vol. XXI.i.399; Vol. XLIX.ii.955;* ***E. Calleja vs Joseph Grech*** *deciza fl-10 ta' Gunju 1965 mill-Onor. Imhallef M. Caruana Curran)"***.**

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jkompli jghid:

"f'kull kaz il-gurisprudenza hija fis-sens li fejn si tratta ta' merkanzija li ma tkunx merkantibbli, bhal fil-kaz odjern, allura l-kwistjoni tkun ta' vizzju redibitorju; *"min jallega illi l-merkanzija kienet fi stat mhux merkantili, u mhux li hija ta' generu iehor jew ta' kwalita' sostanzjalment diversa minn dik ordnata, ikun qieghed jecepixxi l-vizzju redibitorju……..Hekk ukoll fil-kawza 'Tanti vs Cassar' (Vol. XXXIV.iii. 779) intqal illi l-allegazzjonijiet tax-xerrej li l-merkanzija hi deterjorata u ghalhekk mhux merkantibbli (imma b'dana kollu tal-kwalita ta' merkanzija pattwita), giet dejjem kunsiderata bhala allegazzjoni ta' vizzju redibitorju"* (ara sentenza fl-ismijiet **Anthony Mizzi et vs Emmanuele Schembri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju 1967). Fil-kawza fl-ismijiet **Neg. Philip Falzon nomine vs Neg. Emmanuele Aquilina** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Dicembru 1934 (Vol. XXIX.iii.51) saret riferenza ghall-gurisprudenza estera: "*Il-Qorti ta' l-Appell ta' Milan, b'sentenza taghha tad-29 ta' Lulju 1924, in re De Dionigi vs Scali, ikkonsagrat il-principju illi 'la consegna di cosa della specie pattuita, ma di pessima qualita', non da luogo al'actio ex contractu, ma alla redibitoria'"*. Anke hawn il-Qorti rribadiet li *"min jallega li l-merkanzija kienet fi stat mhux merkantili, u mhux li hija ta' generu jew ta' kwalita' sostanzjalment diversa minn dik ordnata, ikun qieghed jeccepixxi l-vizzju redibitorju"*.

Illi l-gurisprudenza lokali ddefiniet il-vizji bhala "*dawk inerenti ghall-mod imperfett kif il-merci giet fabbrikata, valjata, imballata, kustodita.*

*Il-merci ghandha tigi rikonoxxuta vizjata jew difettuza meta tigi fiha verifikata xi devjazzjoni mill-istat taghha ordinarju u normali li minnu tkun tiddependi l-attitudni taghha ghall-uzu li ghalih, bin-natura taghha, hija destinata, u ghalhekk vizju, jew difett, hija kull anormalita' jew imperfezzjoni u kull gwast jew avarija illi fil-haga tigi riskontrata li tnehhilha, jew tnaqqsilha l-attitutni ghall-uzu, jew il-bonta' u l-integrita', u, kwindi, biex il-haga tkun difettuza irid ikun jonsilha xi haga biex tkun tista' tezisti b'mod pjenament konformi ghan-natura taghha u biex tkun vizjata irid ikun hemm xi alterazzjoni li minhabba fiha l-haga ma tkunx kif normalment ghandha tkun"* (**Giovanni Sammut vs Philip A. Grima** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Ottubru 1954 mill-Onor. Imhallef T. Gouder). Dak li minnu qieghed jilmenta l-attur huwa propju vizzju fil-merkanzija.

Illi anke fl-aspett tal-vizzju redibitorju l-kawza odjerna ma tistax tirnexxi peress li t-talba ghad-danni tista' ssir biss bhala konsegwenza ta' l-azzjoni redhibitorja jew estimatorja in forza ta' l-Artikolu 1429 tal-Kodici Civili, mentri l-attur minghajr ma ezercita wahda minn dawn l-azzjonijiet, talab sempliciment id-danni kontra l-konvenut (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Anthony McKay vs Alfred Cassar et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Dicembru 1992 mill-Onor. Imhallef Joseph A. Filletti fejn ukoll l-attur talab biss il-likwidazzjoni u hlas ta' danni.)

Fil-fehma tal-Qorti s-sottomissjonijiet li ghamel il-perit legali huma ineccepibbli, sorretti minn gurisprudenza wiesa' u kostanti u ghalhekk hija tikkondividi l-konkluzjoni li l-azzjoni attrici kif inhija impostata ma tistax tirnexxi, almenu in kwantu jirrigwarda l-qastan.

Dwar il-hazelnuts (gellewz), l-attur ighid li l-ixkejjer li xtara kien fihom ghoxrin kilo kull wahda mentri suppost kien fihom hamsa u ghoxrin kilo kull wahda. Huwa kkonferma pero` li fuq l-ixkejjer ma kienx ikun indikat il-piz. Skond l-attur il-ftehim bejn il-partijiet kien li l-piz ta' kull xkora kellu jkun ta' 25 kilo nett ghal kull wahda. Qal ukoll li l-merkanzija qatt ma ntiznet meta kien imur jixtriha (seduta peritali tat-2 ta' Mejju 1996). Mill-banda l-ohra, Louis Borg Manche`, illum direttur tas-socjeta` konvenuta izda fi zmien din il-kwistjoni kien jattendi fil-mahzen tas-socjeta` regolarment, qal fl-affidavit tieghu li kienu jiznu kull xkora quddiem il-klijent. L-attur xehed ukoll (seduta peritali tat-8 ta' Lulju 1988) li xi jumejn wara li kien ha l-gellewz fil-gurnata tal-Gimgha sab lil Lawrence Pace u talbu jiccekkjaw il-piz u dan qallu li peress li huh Francis ma kienx hemm dak il-hin, kien bi hsiebu jghidlu u jara x'jistghu jirrangaw. It-Tnejn ta' wara rega' mar ghand is-socjeta` konvenuta, sab liz-zewg ahwa Pace u Francis Pace qallu li ma riedx imur jizen l-ixkejjer u li l-piz kien ta' hamsa u ghoxrin kilo bl-ixkora b'kollox ghax huma hekk ibighuh. L-attur sostna li lanqas bl-ixkora b'kollox ma kien fihom hamsa u ghoxrin kilo.

Bla dubju ta' xejn, galadarba l-attur qieghed jallega li l-ixkejjer tal-gellewz li xtara kien fihom ghoxrin kilo u mhux hamsa u ghoxrin kilo kull wahda, l-oneru tal-prova tinkombi fuqu. Il-perit legali rrefera ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Nazzareno Vella vs Vincent Carabott** deciza fit-18 ta' Novembru 1968 fis-sens li *"bhal ma f'kull kawza ohra civili r-regola tal-ligi in generali hi semplicement illi l-piz tal-prova hu fuq l-attur li jafferma l-pretensjoni u hu ma jirnexxix jekk ma jipperswadix lill-Qorti moralment, fuq bilanc ta' probabilita`, illi l-pretensjoni tieghu hi ben fondata"*. Il-Qorti tirreferi

wkoll ghas-sentenza moghtija wkoll mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijet **Paul Degiorgio vs Vincent Muscat** fil-25 ta' Settembru 1999.

Issa, ghajr ix-xiehda tieghu, l-attur ma ressaq l-ebda prova dokumentarja dwar il-gellewz. Lanqas ma pprezenta l-invoices u/jew rcevuti relattivi u dan ghalkemm fis-seduta peritali tas-26 ta' Settembru 1988 kien qal li 'l quddiem se jesebixxi l-invoices li tawh il-konvenuti nomine meta xtara l-qastan u l-gellewz. Ma pproduca l-ebda xhud li seta' ghenu jew b'xi mod kien involut fl-uzin ta' dawn l-ixkejjer. Inoltre l-attur jikkontradixxi lilu nnifsu u gie anke kontradett f'partikolarita` importanti: fis-seduta peritali tat-8 ta' Lulju 1988 u anke f'dik tat-12 ta' Dicembru 1990 xehed li hallas lis-socjeta` konvenuta mill-ewwel, dwar il-qastan ighid li hallas bic-cekkijiet mal-konsenja, dwar il-gellewz ighid li hallas mill-ewwel. Konsenji kien hemm iktar minn wahda u ghalhekk, skond din ix-xiehda tieghu, suppost hareg iktar minn cekk wiehed. Fis-seduta peritali tat-2 ta' Mejju 1996 pero` jghid li hallas cirka Lm1200 dakinhar li ha l-merkanzija u ghal dan kien ghamel "cekk". Oltre dan meta gie mistoqsi jekk ghandu ic-cekkijiet li permezz taghhom ighid li hallas ghall-merkanzija, wiegeb li ma jafx u li xi hames snin qabel kien haraq ic-cekkijiet kollha. Mill-banda l-ohra mill-affidavit ta' Louis Borg Manche` jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kellha tipprocedi b'citazzjoni kontra l-attur biex isir il-pagament opportun; huwa rrefera ghall-kawza numru 167/87 deciza fit-28 ta' April 1987 u l-fatt li s-socjeta` konvenuta sussegwentement irceviet il-pagament opportun fit-23 ta' Lulju 1987 tramite cekk mibghut mid-difensur ta' l-istess attur – dan ma giex kontradett mill-attur.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax ma taqbilx ukoll mal-konkluzjoni peritali li l-attur ma ressaqx provi sufficjenti biex jista' jinghad li, almenu fuq bilanc ta' probabilita`, il-pretensjoni tieghu hi fondata.

Konsegwentement lanqas fir-rigward tal-gellewz ma jistghu jigu akkolti t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur